Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 8 ta' Lulju 2026**
**(OR. en)**

**11539/26**
**ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2026/0144 (BUD)**

**FIN 1014**
**PE-L 20**

**NOTA PUNT "I"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti |
| Suġġett: | Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2 għall-baġit ġenerali għall-2026: Aġġornament tad-dħul (riżorsi proprji) u aġġustamenti tan-nefqa<br>*- Dikjarazzjoni* |

**Abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni tiegħu rigward l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2026**

Il-Kunsill jinnota li, fil-preżentazzjoni tagħha tal-kalkolu tal-finanzjament tal-baġit [skont il-kategorija tar-riżorsi proprji u skont l-Istat Membru], il-Kummissjoni naqqset il-livell ta' dettall u trasparenza billi ħalliet barra l-kalkolu ta' "kontribuzzjoni nazzjonali".

Id-diskontinwità tal-informazzjoni dwar it-trasferimenti kurrenti totali mħallsa mill-gvern ġenerali ta' kull Stat Membru lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea - ċifri li huma soġġetti għal aġġustamenti regolari minħabba l-bażi tagħhom fl-aggregati statistiċi - jikkostitwixxi ksur tal-istandards tar-rapportar finanzjarju tal-UE stabbiliti mill-inqas mis-sena finanzjarja 2007, u jneħħi wkoll punt ta' referenza standardizzat għall-partijiet ikkonċernati, u b'hekk jillimita l-possibbiltà li titwettaq analiżi infurmata tajjeb tal-kontribuzzjonijiet magħmula lill-baġit tal-UE.

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi mill-ġdid kalkolu ta' "kontribuzzjoni nazzjonali" f'abbozzi ta' baġits futuri u f'abbozzi ta' baġits emendatorji.

L-adozzjoni ta' din il-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2026 hija mingħajr preġudizzju għal deliberazzjonijiet leġiżlattivi futuri jew li għaddejjin li jistgħu jiġu affettwati mill-kunċett ta' "kontribuzzjonijiet nazzjonali".